MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 27/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partjiet izzewgu nhar il-31 ta' Dicembru 1984 fil-Knisja Parrokjali tal-Hamrun (Ara Dok B);

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom ebda tfal.

3. Illi huma ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pubbliku Liza Schmebri datat 21 ta' Gunju 2011 (vide Dok.'A') u dan wara li huma kien ilhom fattwalment mifruda ghal aktar minn sebgha snin.

4. Illi ghalhekk huma ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixu flimkien;

5. Illi r-rikorrent ma jara l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, kull parti kienet helset lill-pari l-ohra mill-obbligu tal-manteniment.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1.Tiddikjara illi z-zwieg ta’ bejnu u l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.
2. Tordna li-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduti fil-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet minkejja illi isseparaw permezz ta’ kuntratt datat 21 ta’ Gunju 2011, ilhom fattwalment separati ghal aktar minn seba’ (7) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni kull parti kienet helset lill-parti l-ohra mill-obbligu ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------